MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2008/1

**Freight Services Ltd.**

**vs**

**G.V. Gozo Developments**
**u John Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-23 ta’ Mejju 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*‘ It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-19 ta’ Frar 2008, li jghid hekk :*

*‘Illi l-konvenuti jew min minnhom ingaggaw lis-socjeta’ attrici sabiex tiehu hsieb il-garr u konsenja ta’ trakk Autocrane Fiat 330.30 mill-Italja ghal Malta ;*

*Illi s-socjeta’ attrici ghamlet dan u meta hi nterpellat lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu ghas-servizzi rezi huma baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jkkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallas is-somma ndikata ta’ elfejn u hamsa u sittin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2065.26) flimkien mal-imghax, u l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 723/06.’ ;*

*Is-socjeta’ konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fid-9 ta’ April 2008, eccepiet :-*

*‘1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta fil-ligi ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ konvenuta ma hix il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante illi hi qatt ma ngaggat lis-socjeta’ attrici sabiex tipprovdi xi servizz, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici ;*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.’ ;*
*Illi l-konvenut John Vella permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-18 ta’ April 2008, eccepixxa :-*
*‘1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta taht l-Artikolu 2147 (d) u 2148 tal-Kap.16 tal-ligijiet ta’ Malta ;*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma ngagga lis-socjeta’ attrici biex tipprovdilu xi servizz kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;*
*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.’ ;*

*Sama’ l-provi ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;*

*Ikkunsidra :*

*Din hi kawza ta' reklam ta' hlas ta' kreditu ghal servizzi ta' trasbord ta' truck concrete pump Fiat Iveco 330.35 P Z mill-port ta' Genoa fl-Italja ghall-port ta' Valletta, Malta, u ta' rimbors ta' hlasijiet li saru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu u fl-interess tal-konvenuti jew ta' min minnhom ghall-izdoganar ta' l-istess vettura, u hlasijiet ta' spejjez ohra konnessi u ancillari biex din il-vettura setghet tinhareg mid-dwana ;*

*Il-konvenuti qed jopponu t-talba ghall-hlas reklamat mis-socjeta' attrici billi in linea preliminari qeghdin jeccepixxu li l-azzjoni attrici tinsab preskitta. Filwaqt li s-socjeta' konvenuta ma taghmel riferenza ghal ebda artikolu tal-ligi in sostenn ta' din l-eccezzjoni mqajma minnha, il-konvenut John Vella jeccepixxi li l-azzjoni attrici tinsab preskitta fit-termini tal-artikolu 2147(d) u 2148 tal-Kodici Civili ;*

*In vista ta' din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li baqghet tigi sostnuta sal-ahhar mill-konvenut John Vella kif ukoll mis-socjeta' attrici, dan it-Tribunal ser jghaddi l-ewwel biex jezamina u jiddeciedi dwar din l-eccezzjoni preliminari. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal ma tapplikax ebda wahda mill-artikoli tal-preskrizzjoni nvokati mill-konvenut John Vella. Is-socjeta' attrici taghmel xoghol ta' forwarding agent u mhux ta' vettural bil-bahar, u l-hlas mitlub huwa tan-nollegg li hallset is-socjeta' attrici fl-interess tal-konvenuti jew min minnhom biex gie trasportat bil-bahar dan it-truck, u ta' hlasijiet ohra li ghamlet fl-interess tal-istess ghall-izdoganar ta' din l-merkanzija mid-dwana. It-tnejn ghandhom ghan u funzjoni distinta u separata. Inoltre l-artikolu 2147(d) jirreferi ghall-azzjonijiet tal-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi tal-vetturali bil-bahar, li certament mhuwiex il-kaz taht ezami ;*

*Anke' l-artikolu 2148 citat mill-konvenut, lanqas ma jaghmel riferenza ghal liema paragrafu huwa qed isejjes*

*din l-eccezzjoni preliminari tieghu. Fi kwalunkwe' kaz dan it-Tribunal mhu qed jirraviza ebda paragrafu taht dak l-artikolu li jista' b'xi mod jikkolpixxi l-azzjoni odjerna ;*

*L-azzjoni odjerna hija ntiza biex tigbor minghand il-konvenuti jew min minnhom flus li allegatament gew imhallsa mis-socjeta' attrici fl-interess taghhom jew ta' xi wiehed minnhom ghat-trasbord u zdoganar tal-merkanzija msemmija, u l-preskrizzjoni applikabbli certament li mhija ebda wahda minn dawk invokati mill-konvenut John Vella. Madanakollu tkun inutili kull indagini ohra minn dan it-Tribunal biex jara jekk l-odjerna azzjoni tas-socjeta' attrici waqghetx jew le b'xi preskrizzjoni ohra kontemplata fil-Kodici Civili, billi dan it-TrIbunal ma jistghax jiehu l-inizjattiva li jfittex biex jara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita (**Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone**, Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **Paul Xuereb vs Amabile Fiott**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza **George Cini vs Rita Camilleri**, deciza fis-26 ta' Lulju 1979, espremiet ruhha f'dan is-sens :- 'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni'. Bl-istess mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : **Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003. : 'Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.' ;*

*L-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni kemm dik tas-socjeta' konvenuta kif ukoll tal-konvenut l-iehor John Vella qeghdha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom ;*

*Qabel ma dan it-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra l-kwistjoni fil-meritu, iqis ukoll opportun li jiddelibera dwar l-eccezzjoni mqajma mis-socjeta' konvenuta li mhijiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tas-socjeta' attrici. Pero' anke' din l-eccezzjoni fil-fehma ta' dan it-Tribunal, hija nsostenibbli. Mill-atti jirrizulta li dan it-truck concrete pump kien inxtara mis-socjeta' G.V Gozo Developments Co. Ltd. Fil-fatt id-dokumentazzjoni kollha mahruga mill-kumpannija Putzmeister Italia SRL minn fejn inxtara dan it-truck tindika b'mod car li dan it-truck kien gie ordnat u nxtara mill-konvenut John Vella f'isem is-socjeta' konvenuta. Anke' l-hlas tal-prezz li sar tramite l-Lombard Bank Malta p.l.c. sar ukoll mill-kumpannija G.V Gozo Developments Co. Ltd., u fil-proposal form biex inharget il-polza tal-assikurazzjoni fuq din il-vettura, il-konvenut John Vella talab u l-polza relattiva nharget fuq John Vella obo G.V Gozo Developments Co. Ltd. Anke' l-korrispondenza mibghuta mis-socjeta' attrici dejjem giet indirizzata lill-kumpannija G.V Gozo Developments Co. Ltd. Is-socjeta' konvenuta ma pproduciet ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni taghha, u l-provi fl-atti huma skjaccanti li l-importazzjoni ta' din il-merkanzija f'Malta saret fl-interess tas-socjeta' konvenuta. Din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija ghalhekk ukoll insostenibbli u qeghdha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha ;*

*Dwar il-meritu, minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Vito Aufieri u dik moghtija mill-konvenut John Vella. Filwaqt li Vito Aufieri jsostni li l-kumpannija tieghu kienet giet inkarigata mill-konvenut John Vella biex jimportalu hawn Malta l-merkanzija msemmija, u d-dokumenti minnu prodotti jikkorroboraw din il-verzjoni tieghu, il-konvenut John Vella jew il-kumpannija tieghu jinnegaw b'mod assolut li huma qatt tawh inkarigu simili, izda semplicement is-socjeta' attrici kienet giet inkarigata biex tohorg polza tal-assigurazzjoni fuq dan it-truck. Inghad li 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt*

*fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti.' [Prim'Awla,* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia****, 24 ta' Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F'sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi 'fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.' [Appell Sede Inferjuri,* ***Joseph Borg et vs Joseph Bartolo****, 25 ta' Gunju 1980] ;*

*Dan it-Tribunal huwa moralment konvint wara li qies u wiezen x-xhieda li gew prodotti mill-partijiet u wara li fela w ezamina d-dokumenti kollha in atti, u kellu opportunita' li jezamina lix-xhieda kollha viva voce u sata' jinnota l-komportament ta' kull xhud, iqis li l-verzjoni tas-socjeta' attrici bhala wahda aktar attendibbli minn dik tal-konvenut John Vella. Il-verzjoni ta' Vito Aufieri hija sorretta mid-dokumenti minnu esibiti u dawk li gew esibiti mix-xhieda minnu prodotti. Kif tajjeb gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet :* ***Enrico Camilleri vs Martin Borg****, deciza fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'decizjonijiet simili in re :* ***Zammit vs Petrococchino****, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u* ***Vassallo vs Pace****, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet.*

*Jghid a propositu l-**Mattirolo** (“**Diritto Giudiziario**”, Vol.III para 306) : “Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all’una e all’altra prova … … vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l’estimazione delle singole prove ed il giudice deve pronunziare in conformita` alla sua convinzione, ossia della morale certezza.” ;*

*Mill-provi in atti hemm inkonsistenza fil-provi stess tal-konvenuti u l-konvenut John Vella m’gharaf f’ebda waqt jaghti spjegazzjoni oggettiva ta’ kif id-dokumentazzjoni kollha dwar l-importazzjoni u l-hrug mid-dwana ta’ dan it-truck li giet esibita mis-socjeta’ attrici sabu ruhhom f’idejha meta ghal semplici hrug ta’ polza tal-assikurazzjoni ta’ vettura ma kienx mehtieg li hu jghaddilha dawn id-dokumenti kollha. Inghad li : ‘Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchin**o, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986). Meta l- verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi*

*ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet.' [Qoti tal-Appell,* ***Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et****, deiza fit-23 ta' Settembru 2009] ;*

*Minn imkien mill-atti ma jirrizulta li meta l-konvenut John Vella avvicina lis-socjeta' attrici biex tehodlu hsieb l-importazzjoni ta' dan it-truck f'Malta, huwa ma kien ghamilha cara maghha jekk kienx qed jagixxi f'ismu personalment jew f'isem il-kumpannija tieghu G.V Gozo Developments Co. Ltd. Inghad li 'l-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun regonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor.' [ara sentenza Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet '****Zammit vs Rev. N. Okereke****', 13 ta' Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet '****E. Borg et noe vs R. Schembri****' , deciza fit-28 ta' Mejju 1973]. Fid-dawl tal-provi mressqa dan it-Tribunal huwa tal-ferma konvinzjoni li huma z-zewg konvenuti flimkien li ghandhom jinzammu responsabbli in solidum ghall-hlas mitlub mis-socjeta' attrici ;*

*Dwar l-ammont mitlub ta' elfejn u hamsa u sittin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2065.26), la s-socjeta' konvenuta u lanqas il-konvenut Vella ma jikkontestaw dan l-ammont pretis. Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li l-ammont li qed titlob s-socjeta' attrici minghand il-konvenuti huwa gustifikat u dovut. It-talba attrici ghall-hlas ta' €2065.26 timmerita ghalhekk li tigi milqugha ;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u hamsa u sittin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2065.26), bl-imghaxijiet legali b'effett minn notifika tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru 2006 (Ittra numru 723/2006) sad-data tal-effettiv pagament, u*

*bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali msemmija.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti G.V. Gozo Developments Co. Ltd. u John Vella fejn filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi gia prodotti quddiem it-Tribunal, u rriservaw id-dritt illi jipproducu provi ulterjuri skond il-ligi, talbu li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemm premessi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) tat-23 ta' Mejju 2011, billi tichad it-talba tas-socjeta' attrici appellata, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi, u nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali, kontra taghha.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata Freight Services Ltd. fejn issottomettiet li r-rikors t'appell ghandu jigi michud ghar-ragunijiet hemm premessi u ghalhekk s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) tat-23 ta' Mejju 2011 ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appelanti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Erbgha, 19 ta' Ottubru 2011 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-18 ta' Jannar 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appell odjern huwa (a) li l-konvenuti ma inghatawx l-opportunita' li jaghmlu trattazzjoni skond verbal datat 16 ta' Lulju 2007; (b) li t-Tribunal ma kienx imparzjali ghaliex ma halliex lill-appellanti iressqu bhala xhud lill Mario Pisani tant li l-kawza fis-17 ta' Lulju 2010 thalliet ghas-sentenza; (c) it-Tribunal iddecieda fuq talba differenti ghaliex din saret ghall-hlas ta' garr u konsenja ta' vettura tat-tip *Autocrane* Fiat 330.30 izda it-Tribunal iddecieda fuq *concrete pump* tat-tip Fiat Iveco 330.35 PZ li kienet ingabet Malta proprju mill-konvenut bl-ghajnuna ta' Mario Pisani, u wkoll peress li t-talba giet mibdula ghal dik ta' trasbord u zdoganar u hlasijiet u spejjez ohra konnessi u

ancillari sabiex l-istess vettura tinhareg mid-Dwana; (e) li t-talba hija preskritta abbazi tal-**artikolu 2147 (d) tal-Kap. 16** u dan ghaliex it-talba attrici hija dwar hlas ta' freight u hlas ta' garr u allura din hija l-preskrizzjoni applikabbli; (f) li s-socjeta' konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex hija xtrat *concrete pump* mhux *autocran*e u wkoll hija marret l-ufficju fejn kien hemm is-socjeta' attrici biss sabiex taghmel polza ta' assigurazzjoni ghall-istess pump tramite Auferi ghas-socjeta' Rausi Insurance li ghandha l-ufficju hemmhekk; (g) ma hemm ebda provi li l-istess vettura ingabet mis-socjeta' attrici anzi l-provi juru li l-istess vettura ingabet minn Sammy Vella inkarigat mis-socjeta' konvenuta; (h) l-ammont mitlub kien dejjem kontestat.

Illi dwar l-ewwel zewgt aggravji din il-Qorti thoss li t-Tribunal setgha mexa ahjar, izda b'daqshekk dan ma ghandux iwassal sabiex tigi revokata s-sentenza, anke peress li l-konvenuti dejjem setghu jipprezentaw rikors iehor sabiex jitolbu li jinstema' l-imsemmi xhud iktar u iktar u iktar meta s-sentenza inghatat fit-23 ta' Mejju 2011; setgha sar ukoll rikors sabiex issir nota ta' osservazzjonijiet izda ma sar xejn minn dan u ghalhekk din il-Qorti tichad dan il-gravamm.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li dan huwa kompletament infondat ghaliex it-talba fiha infisha hija cara, tant li l-konvenuti ma' sabu ebda diffikolta' sabiex jiddefendu ruhhom; mhux hekk biss izda jirrizulta car li l-kawza li saret kienet ghall-hlas sabiex il-vettura ingarret lejn Malta u hlasijiet relatati li thallsu sabiex l-istess tigi rilaxxata lill-konvenuti, kif fil-fatt hekk sar. Inghad ukoll li l-vettura jew ingenju li s-socjeta' attrici qed tirreferi ghalih huwa differenti minn dak li ddahhal mis-socjeta' konvenuta, izda mid-dokumenti kollha relattivi esebiti mill-partijiet (li l-Qorti ezaminat – Dok. "FS 1"; Dok. "VA 1" sa Dok. "VA 12" u Dok. "MS 1" sa Dok. "MS) jidher li qed nitkellmu fuq l-istess vettura tant li d-dettalji tal-istess jikkombaccjaw perfettament, inkluz in-numru kollha indikati u n-numru tac-*chassis*, u ghalhekk anke dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

Illi dwar l-aggravji fuq il-mertu jirrizulta lil din il-Qorti li mill-provi prodotti s-socjeta’ attrici ghamlet l-arrangamenti kollha sabiex l-istess vettura tingab hawn Malta mill-Italja, u halset ghall-istess, tant li l-merkanzija giet rilaxxata f’idejn is-socjeta’ konvenuta tant li l-vehicle inspection form giet iffirmata mill-konvenut (Dok. “SF1” – fol. 44). Fuq kollox jidher li s-socjeta’ attrici halset lis-socjeta’ Sullivan Maritime Limited ghall-gar tal-istess vettura, u wkoll hallset inter alia ghall-cargo handling port charges ghar-rilaxx tal-istess merkanzija li kienet destinata ghas-socjeta’ konvenuta u hekk fil-fatt sar. Dawn il-provi huma skjaccanti u jimmilitaw kontra t-tezi tal-konvenuti, u mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-verzjoni tas-socjeta’ attrici giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Jinghad ukoll li ghalkemm il-konvenut fix-xhieda tieghu in kontro-ezami tad-9 ta’ Gunju 2009 jghid li hallas ghal kull spiza sabiex l-istess vettura tingieb Malta din ma hija soretta bl-ebda document jew ricevuta ta’ hlas f’ismu. Anzi kull dokument ghall-hlas tas-sorte indikati f’Dok. “VA 1” sar mis-socjeta’ attrici. Jigi rilevat ukoll li fix-xhieda tieghu tal-20 ta’ Jannar 2009 (fol. 71) l-istess konvenut jirreferi ghat-trasport tal-vettura li rrefera ghaliha mill-Italja ghall-Italja u jghid li dan kellha taghmlu s-socjeta’ estera u dan lanqas jaqbel max-xhieda tieghu stess moghtija in kontro-ezami; izda mhux hekk biss izda ma hemmx dubju li l-hlasijiet qed jintalbu sabiex il-merkanzija giet mill-Italja ghall-Malta, u tali hlasijiet jidher li saru biss mis-socjeta’ attrici u mhux mill-konvenuti. B’hekk l-aggravvji fil-mertu qed jigu michuda.

Illi dwar l-ammont rikjamat jirrizulta li dan l-ammont gie kkonfermat mix-xhieda kollha prodotti u wkoll mir-ricevuti kollha ndikati u wkoll mir-rendikont Dok. “VA 1” (fol. 16) u dan bl-ebda mod ma gie kontradett jew kontestat u allura ma hemmx dubju dwar l-ammont reklamat u dan gie wkoll ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi u allura dan l-aggravju fuq l-ammont ta’ sorte qed jigi michud.

Illi dwar il-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2147 (d) tal-Kap. 16** jinghad li dan jirreferi ghall-vettural izda dan jirreferi ghall-**artikolu 1631 tal-Kap. 16** ghall-garr bil-bahar gewwa l-limiti ta’ Malta minn gzira ghall-ohra, u

certament li l-kaz odjern huwa wiehed differenti (**“Transfreight Limited et vs Joseph Grima nomine”** – Q.M (JAB) – 13 ta’ Ottubru 2010; **“Tubeline Limited vs Stencil Pave (Malta) Limited”** (P.A. (RCP) – 14 ta’ Gunju 2001). Ghalhekk anke dan l-aggravju dwar il-preskrizzjoni qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tas-socjeta’ appellata datata 8 ta’ Lulju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti bir-rikors tal-appell datat 13 ta’ Gunju 2011 peress li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) datata fit-23 ta’ Mejju 2011 fl-ismijiet premessi “Freight Services Limited vs G V Gozo Developments Co. Ltd et ” (Avviz Numru 5/2008) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti G V Gozo Developments Co. Ltd et**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------